2026/2174

29.9.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2174

tat-22 ta' Settembru 2026

li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Carlos MARTÍNEZ MÍNGUEZ u s-Sur Adrián Ariel ZITTELLI FERRARI saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Spanjol ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali jew li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sur Francisco Javier AYALA ORTEGA, *Alcalde de Fuenlabrada, Madrid, España* (Sindku ta' Fuenlabrada, Madrid, Spanja), u s-Sinjura María Cruz FERREIRA COSTA, *Directora general de Unión Europea de la Región de Murcia* (Direttur Ġenerali għall-Unjoni Ewropea tar-Reġjun ta' Murcia),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali jew li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030:

— Is-Sur Francisco Javier AYALA ORTEGA, *Alcalde de Fuenlabrada, Madrid, España* (Sindku ta' Fuenlabrada, Madrid, Spanja), u

— Is-Sa María Cruz FERREIRA COSTA, *Directora General de Unión Europea de la Región de Murcia* (Direttur Ġenerali għall-Unjoni Ewropea tar-Reġjun ta' Murcia).

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE